MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 289/2006

**Focal Maritime Services Company Limited C 21561**

**Vs**

**Top Hat Co. Limited C 15978**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in ezami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lilll-istess socjeta' rikorrenti f'isem il-principali taghha Sermar Line SRL ta' Via Volta 2, Venezia, Marghera, l-Italja s-somma ta' hdax-il elf hames mija u hamsin dolloru Amerikan (USD11,550) ekwivalenti ghal circa tlett elef tmien mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm3,875) dovuti bhala 'demurrage charges' sad-29 ta' Awissu 2005 in konnessjoni mal-'container nru SERU2200660 ex m/v Carola Voy. 022, Bill of Ladings Dok 'A' li ntbaghat minn Malta ghat-Turkija, Istanbul.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-11 ta’ Novembru 2005 u bl-imghax legali legali sa l-effettiv pagament.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 2 sa fol 6 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta’ konvenuta (fol 12 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

(1) illi hija qatt ma kellha relazzjoni guridika mal-kumpanija attrici.
(2) Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-atti kollha tal-kawza ‘mod specjali d-dokumenti annessi a fol 18 u fol 19 ibid, is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta (fol 28 et seq ibid), dik moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta’ April 2008 (fol 44 et seq ibid) u fost il-verbali tas-seduti li nzammu dawk a fol 84, 85 u 86 tal-istess atti.

Ikkunsidrat

Illi jkun opportun illi, l-ewwel nett, issir referenza ghall-imsemmija sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell u li ddecidiet, b’mod finali, li kemm fuq bazi ta’ fatt, kemm fuq dik legali, hemm relazzjoni guridika bejn is-socjetajiet involuti f’dan il-kaz. Fl-isfond ta’ dan, l-ewwel eccezzjoni di gja tinsab respinta u ghalhekk ser jigi deciz il-meritu ta’ din il-kawza u tigi konsiderata it-tieni (2) eccezzjoni.

Ikkunsidrat

Illi ta’ minn jghid illi l-imsemmija eccezzjoni, kif saret, ma tispecifikax kif suppost, ir-raguni jew ragunijiet la ta’ fatt u la ta’ ligi, il-ghala it-talbiet in esami huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Hu minnu li l-istess socjeta’ konvenuta pproduciet lil Saviour Borg (fol 71 u fol 72 ibid) liema xhud, pero’, xehed biss li kien garr il-‘container’ in kwistjoni fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta. Inoltre kellu jigi prodott Peter Paul Degiorgio imsemmi fl-istess xhieda izda dan qatt ma xehed.

Illi, da parti tas-socjeta' attrici, giet prodotta Charlene Barbara (fol 59 u fol 65 et se ibid) u din bhala 'sales representative' tal-istess socjeta' spjegat kif dik konvenuta kienet inkarigat lill-istess socjeta' rappresetanta minnu sabiex jigi trasportat 'contianer' bil-kontenut lejn Istanbul, fit-Turkija. L-istess 'container' kien wasal fid-destinazzjoni flimkien mal-kontenut konsistenti f'makkinarju. Pero hawnhekk, xejn ma seta' jigi rtirat mir-ricivitur ghar-raguni specifikata fl-istess xhieda. Minhabba hekk , is-socjeta' attrici offriet li l-istess 'container' bil-kontenut, jingieb lura Malta izda s-socjeta' konvenuta ma accettatx din il-proposta. Bhala konsegwenza s-socjeta attrici kien qed jinkorri 'demurrage'. Dawn l-ispejjes, filfatt u minhabba li, s-sitwazzjoni ghada l-istess kienet qed tippersisti 'sallum' izda dak mitlub, fir-rikors promotur, hu dak inkors sad-data specifikata fl-istess rikors (ara ukoll l-ittri esebiti a fol 61, 62 u fol 63). Inoltre l-istess spejjes ta' 'demurrage' qed jintalbu f'isem is-socjeta' estera msemmija fl-istess xhieda.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl ta' dak li gie premess, ma ghandu jkun hemm ebda dubbju li dak mitlub fir-rikors promotur ghandu jigi akkolt, tenut kont, illi, kif di gja nghad, l-ebda raguni valida fil-fatt jew fid-dritt, ma ingiebet a konjizzjoni ta' din il-Qorti in sostenn tal-eccezzjoni, kif sottomessa, fil-meritu.

Ghal dawn i-motivi, l-Qorti tilqa t-talbiet kollha attrici kif dedotti mill-istess rikors u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' USD 11,550 ekwivalenti ghal Lm3875 ossija €9026.32 bl-imghax legali mill-11 ta' Novembru 2005 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll , l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Novembru 2005. B'riserva ghal kull azzjoni 'si et quatenus' in rigward ammonti ohrajn li jistghu jkunu dovuti fuq l-istess meritu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------